**BORD LI JIRREGOLA L-KERA**

**Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M.Jur**
**CHAIRPERSON**

**Rikors guramentat numru 118/2015**

**Dottor Michelle Tabone (KI numru 138371(M), fil-kwalita` taghha ta' Ekonomiku ta' l-Eccellenza Tieghu Monsinjur Charles J. Scicluna, Arcisqof ta' Malta, bhala amministratur tal-Entijiet Ekkleziastici kollha ta' Malta ghan-nom u fl-interess tal-Parrocca ta' Santa Marija, il-Mellieha**

**vs**

**Anthony Grima (K.I. numru 231648(M)**

**Illum, 10 t'Ottubru 2016**

Il-Bord;

Ra r-rikors tar-rikorrenti li jghid hekk:

Illi l-esponenti nomine hija l-propjetarja tal-garaxx numru 8, Misrah iz-Zjara tal-Papa, Mellieha;

Illi dan il-garaxx numru 8, Misrah iz-Zjara tal-Papa, Mellieha kien mikri lill-konvenut Anthony Grima;

Illi din il-kirja giet terminata nhar it-2 ta' Gunju 2010;

Illi l-konvenut ma jaghmilx uzu mill-fond in kwistjoni u qed jiddetjeni dan il-fond minghajr ebda titolu validu fil-ligi;

Illi l-esponenti nomine interpellat lill-intimat diversi drabi biex jizgombra mill-fond in kwistjoni u jhallih liberu u battal favuriha, fosthom permezz ta' ittra tal-1 ta' Gunju 2011 (Dok A) u l-ittra Ufficjali numru 3944/2011 (Dok B), izda huwa baqa' inadempjenti u ghadu sal-lum jiddetjeni l-fond imsemmi illegalment u abbuzivament a detriment tar-rikorrenti nomine;

Illi, fil-fehma tar-rikorrenti nomine, l-intimat m'ghandu l-ebda eccezzjonijiet xi jressaq f'din il-kawza li ghalhekk tista' tigi deciza bid-dispensa tas-smigh ai termini tal-Artikolu 16A tal-kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi r-rikorrenti nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghid il-konvenut ghaliex m'ghandux dan il-Bord jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti nomine li qeghda hawn titlob li dan il-Bord joghgbu;

1. Jaqta` u jiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 16 A tal-Kapitolu 69 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Jikkundanna lill-intimat jizgombra mill-imsemmi garaxx numru 8, Misrah iz-Zjara tal-Papa, Mellieha u jhallih liberu u battal favur ir-rikorrenti nomine fi zmien qasir u perentorju li din l-Onorabbli Bord joghgbu jiffissa.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittri interpellatorji tal-1 ta' Awissu 2011 u l-Ittra Ufficjali tal-14 ta' Dicembru 2011 numru 3944/2011, u bir-rizerva ghall-kwalsiasi azzjoni spettanti lill-esponenti nomine kontra l-intimat li huwa ngunt minn issa sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur kif jirrizulta mir-riferta fuq in-naha ta' wara ta' pagna 12 tal-process.

Ra n-nota tal-intimat a folio 14 tal-process.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' l-provi.

Ra illi fis-seduta tal-15 ta' Lulju 2016 ir-rikorrenti talbet li l-kawza tmur ghas-sentenza.

Ra d-dokumenti u l-atti kollha tal-kawza u qies il-provi kollha prodotti.

Ikkunsidra:

Illi fil-kaz odjern ir-rikorrenti noe qed titlob l-izgumbrament tal-intimat mill-garaxx numru 8, Misrah iz-Zjara tal-Papa, Mellieha, u dan minhabba nuqqas ta’ uzu da parti tal-intimat.

Illi min-nota mressqa mill-intimat a folio 14 tal-process, fil-paragrafu 3, l-intimat iddikjara li “mhuwiex ser jikkontesta t-talba tal-attrici nomine ...”

Illi fis-seduta tal-15 ta’ Lulju 2016 ir-rikorrenti noe kkonfermat li kollox baqa’ l-istess kif kien meta giet prezentata l-kawza u cioe r-rikorrenti noe la rceviet xi hlas u lanqas ic-cwievet, u talbet li l-kawza tmur ghas-sentenza.

Illi l-Bord ha konjizzjoni wkoll tan-nota tal-intimat tas-07 ta’ Ottubru 2016 fejn iddikjara illi huwa kkonsenja ic-cwievet lir-Reverendu Kappillan tal-Mellieha xi hmistax-il gurnata ilu u kien qed jitkellem mieghu sabiex jizgombra mill-garaxx mertu tal-kawza u dan sa minn qabel gie prezentat ir-rikors “de quo”.

Illi però fis-seduta tal-lum ir-rikorrenti ddikjarat li ghadha bla cwievet u regghet talbet sentenza.

Illi mill-provi prodotti t-talbiet tar-rikorrenti jirrizultaw pruvati u dan ukoll bl-ammissjoni tal-intimat stess li ddikjara li rritorna c-cwievet lir-Reverendu Kappillan tal-Mellieha.

Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrenti noe timmerita li tigi milqugha.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Bord qed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti noe u ghall-fini tal-izgumbrament ta’ l-inkwilin jiffissa terminu ta’ zmien xahar mil-lum. Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittri interpellatorji tal-1 ta’

Awissu 2011 u l-Ittra Ufficjali tal-14 ta' Dicembru 2011 numru 3944/2011, kontra l-intimat.

***(ft) Magistrat Dr. Monica Vella LL.D., M. Jur.***

(ft) Angelo Buttigieg
Deputat Registratur